PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2014/0408(COD)**

6.1.2015

# EMENDI
# 48 - 178

**Abbozz ta' rapport**
**Caterina Chinnici**
(PE541.593v01-00)

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali

(COM(2013)0822 – C7-0428/2013 – 2013/0408(COD))

AM_Com_LegReport

**Emenda 48**
**Traian Ungureanu**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) ***Il-programm ta' Stokkolma jagħmel enfasi qawwija fuq it-tisħiħ tad-drittijiet tal-individwi*** fi proċedimenti kriminali. ***Fil-punt 2.4, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti li jfasslu*** approċċ gradwali[22] ***għat-tisħiħ*** tad-drittijiet ***tal-persuni ssuspettati jew mixlija***. | (4) ***Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill adotta l-Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni ssuspettati jew mixlija*** fi proċedimenti kriminali ***("il-Pjan Direzzjonali")***. ***Permezz ta'*** approċċ gradwali[22]***, il-Pjan Direzzjonali jitlob għall-adozzjoni ta' miżuri rigward id-dritt li tinkiseb traduzzjoni u interpretazzjoni, id-dritt li tingħata informazzjoni dwar id-drittijiet u informazzjoni dwar l-akkużi, id-dritt li jingħataw parir legali u għajnuna legali, id-dritt li persuna tikkomunika mal-qraba, ma' min iħaddem u mal-awtoritajiet konsulari, u li jiġu stabbiliti salvagwardji speċjali għall-persuni suspettati jew akkużati li jkunu vulnerabbli. Il-Pjan Direzzjonali jenfasizza li l-ordni*** tad-drittijiet ***huwa indikattiv biss u għaldaqstant jimplika li jista' jinbidel skont il-prijoritajiet***. ***Huwa mfassal sabiex jopera fl-intier tiegħu; huwa biss meta jiġu implimentati l-partijiet komponenti kollha tiegħu li għandhom jinħassu l-benefiċċji kollha tiegħu.*** |
| [22] ĠU C 291, 4.12.2009, p. 1. | [22] ĠU C 291, 4.12.2009, p. 1. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsistenza mal-miżuri adottati preċedenti tal-Pjan Direzzjonali għandha tinżamm.*

**Emenda 49**
**Traian Ungureanu**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Fil-10 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill Ewropew laqa' l-Pjan Direzzjonali u inkludih bħala parti mill-Programm ta' Stokkolma - Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini (punt 2.4). Il-Kunsill Ewropew issottolinja n-natura mhux eżawrjenti tal-Pjan Direzzjonali, billi stieden lill-Kummissjoni teżamina elementi addizzjonali ta' drittijiet proċedurali minimi għall-persuni suspettati u akkużati, u biex tevalwa jekk hemmx bżonn li jiġu indirizzati kwistjonijiet oħra, pereżempju l-preżunzjoni ta' innoċenza, biex tkun promossa kooperazzjoni aħjar f'dak il-qasam.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsistenza mal-miżuri adottati preċedenti tal-Pjan Direzzjonali għandha tinżamm.*

**Emenda 50**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Fil-każijiet ġuridiċi kollha li jinvolvu t-tfal, l-Istati Membri għandhom jiddefendu l-prinċipju li l-ewwel ma għandhom jitqiesu huma l-aħjar intreressi tat-tfal.*** |

Or. fr

**Emenda 51**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-proċedimenti kollha, it-tfal iridu jiġu trattati bil-kura, is-sensittività u r-rispett għall-età tagħhom, il-bżonnijiet speċjali, il-maturità u l-livell ta' fehim u titqies kwalunkwe diffikultà ta' komunikazzjoni li jista' jkollhom. Il-proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal għandhom jitwettqu b'mod li ma jintimidax u li jkun sensittiv għat-tfal.*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal li huma ssuspettati jew mixlija jiġu ttrattati b'mod ugwali, b'attenzjoni speċjali għat-tfal vulnerabbli.*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(7a) L-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu lit-tfal involuti fi proċedimenti kriminaliappoġġ u għajnuna xierqa fl-isforzi tagħhom biex jiġu integrati mill-ġdid fis-soċjetà, b'mod partikolari billi jittieħdu miżuri li jipprevjenu lit-tfal issuspettati jew mixlija milli jiġu ddiskriminati fl-aċċess għall-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol u biex jiġu pprevenuti milli jiġu emarġinati.*** |

Or. en

**Emenda 54**
**Gérard Deprez, Louis Michel**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (8) Din id-Direttiva għandha tapplika għat-tfal, jiġifieri l-persuni li jkunu għadhom ma għalqux it-18-il sena meta jkunu suspettati jew mixlija li kkommettew reat, ***irrispettivament mill-età tagħhom matul il-proċedimenti kriminali sas-sentenza finali***. | (8) Din id-Direttiva għandha tapplika għat-tfal, jiġifieri l-persuni li jkunu għadhom ma għalqux it-18-il sena meta jkunu suspettati jew mixlija li kkommettew reat, ***f'kull stadju tal-proċedimenti, sakemm jilħqu l-età ta' 21***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva tfittex li tistabbilixxi salvagwardji speċjali għat-tfal minħabba li huma meqjusa vulnerabbli. Ladarba jilħqu l-età ta' 21 sena, il-fattur tal-vulnerabilità ma jibqax wieħed relevanti.*

**Emenda 55**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu l-età minima tar-responsabilità kriminali tat-tfal f'livell ta' età li ljirrifletti l-aħjar il-maturità emottiva, mentali u intellettwali tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal reati li ***saru wara l-età ta' 18-il sena mill-istess persuna ssuspettata*** jew mixlija, ***u li*** b'mod konġunt ***ikunu qed jiġu investigati u għaddejjin*** prosekuzzjoni peress li jkunu marbuta ma' reati li ***l-proċedimenti kriminali tagħhom kontra din il-persuna jkunu bdew qabel l-età ta' 18-il sena***. | (9) Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal reati ***allegatament kommessi wara*** li ***l-persuna suspettata*** jew mixlija ***tkun għalqet it-18-il sena***, ***meta tali reati jkunu soġġetti*** b'mod konġunt ***għal investigazzjoni jew*** prosekuzzjoni peress li jkunu marbuta ***ħaġa waħda*** ma' reati li ***għalihom hi applikabbli din id-Direttiva***. |

Or. en

**Emenda 57**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(10) Meta persuna li ssir persuna ssuspettata jew mixlija fi proċedimenti*** | ***imħassar*** |

***kriminali jkollha aktar minn 18-il sena, l-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw is-salvagwardji proċedurali previsti minn din id-Direttiva sakemm din il-persuna tilħaq l-età ta' 21 sena.***

Or. en

**Emenda 58**
**Gérard Deprez, Nathalie Griesbeck, Louis Michel, Marielle de Sarnez**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Meta persuna ***li*** ssir persuna ssuspettata jew mixlija fi proċedimenti kriminali ***jkollha aktar minn*** 18-il sena, ***l-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw is-salvagwardji proċedurali previsti minn*** din id-Direttiva sakemm din il-persuna tilħaq l-età ta' 21 sena. | (10) Meta persuna ***li jkollha aktar minn 18-il sena*** ssir persuna ssuspettata jew mixlija fi proċedimenti kriminali ***għal reat magħmul meta kienet għadha taħt l-età ta'*** 18-il sena, din id-Direttiva ***għandha tapplika*** sakemm din il-persuna tilħaq l-età ta' 21 sena. |

Or. fr

**Emenda 59**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-età tat-tfal abbażi tad-dikjarazzjonijiet tat-tfal stess, jagħmlu kontrolli dwar l-istat ċivili tagħhom, riċerka dwar id-dokumenti, dwar evidenza oħra u, jekk tali evidenza ma tkunx disponibbli jew tkun inkonklużiva, abbażi ta' eżami mediku. | (11) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-età tat-tfal abbażi tad-dikjarazzjonijiet tat-tfal stess, jagħmlu kontrolli dwar l-istat ċivili tagħhom, riċerka dwar id-dokumenti, dwar evidenza oħra u, jekk tali evidenza ma tkunx disponibbli jew tkun inkonklużiva, abbażi ta' eżami mediku. ***Eżami mediku għandu jitwettaq bħala l-aħħar miżura u b'rispett strett għad-drittijiet, l-integrità fiżika u d-*** |

| | |
|---|---|
| | ***dinjità umana tat-tifel/tifla.*** |

Or. fr

**Emenda 60**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE u d-Direttiva 2013/48/UE. ***Informazzjoni fir-rigward ta' reati żgħar għandha tingħata bl-istess kundizzjonijiet li huma previsti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2012/13/UE***. Madankollu, ***din id-Direttiva tipprevedi aktar salvagwardji kumplimentari*** fir-rigward ***tal-informazzjoni li għandha tingħata lid-detentur tal-awtorità tal-ġenituri u tal-aċċess obbligatorju għas-servizzi ta' avukat sabiex*** jitqiesu ***l-ħtiġijiet*** speċifiċi tat-tfal. | (12) Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE u d-Direttiva 2013/48/UE. Madankollu, ***l-informazzjoni għandha tingħata wkoll*** fir-rigward ***tar-reati minuri, filwaqt li*** jitqiesu ***l-vulnerabilitajiet*** speċifiċi tat-tfal. |

Or. en

**Emenda 61**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE u d-Direttiva 2013/48/UE. ***Informazzjoni fir-rigward ta' reati żgħar għandha*** | (12) Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/13/UE u d-Direttiva 2013/48/UE. Madankollu, din id-Direttiva tipprevedi aktar salvagwardji |

| | |
|---|---|
| ***tingħata bl-istess kundizzjonijiet li huma previsti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2012/13/UE.*** Madankollu, din id-Direttiva tipprevedi aktar salvagwardji kumplimentari fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata lid-detentur tal-awtorità tal-ġenituri u tal-aċċess obbligatorju għas-servizzi ta' avukat sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal. | kumplimentari fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata lid-detentur tal-awtorità tal-ġenituri u tal-aċċess obbligatorju għas-servizzi ta' avukat sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-firxa ta' reati minuri li fiha d-dritt għall-informazzjoni jkun eskluż mhijiex ċara, imma tista' tinkludi l-proċedimenti li jkollhom konsegwenzi sinifikanti għat-tifel/tifla. Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għandha bżonn tiġi diskussa mill-ġdid fil-kuntest tat-tfal.*

**Emenda 62**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) It-tfal għandhom jiġu infurmati fil-pront u direttament dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-proċedimenti, l-akkużi mressqa kontrihom, il-konsegwenzi possibbli u dwar ir-rimedji disponibbli. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u b'mod orali b'mod adattat għall-età u l-maturità tagħhom u b'lingwa li huma jifhmu.*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) It-tfal ma għandhomx ikunu jistgħu jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat minħabba li dawn ma humiex kapaċi jifhmu b'mod sħiħ kif ukoll isegwu l-proċedimenti kriminali. Għalhekk, il-preżenza jew l-assistenza ta' avukat għandha tkun obbligatorja għat-tfal. | (16) It-tfal ma għandhomx ikunu jistgħu jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat minħabba li dawn ma humiex kapaċi jifhmu b'mod sħiħ kif ukoll isegwu l-proċedimenti kriminali. Għalhekk, il-preżenza jew l-assistenza ta' avukat għandha tkun obbligatorja għat-tfal. ***Madankollu, fil-każ fejn it-tfal jirrifjutaw il-preżenza ta' avukat, għandhom isiru dispożizzjonijiet għall-eċċezzjonijiet kemm-il darba jkunu saru l-konsultazzjoni u l-evalwazzjoni sħaħ u jkunu tqiesu l-aħjar interessi tat-tfal.*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Meta t-tifel ikollu jiġi assistit minn avukat skont din id-Direttiva iżda l-ebda avukat ma jkun preżenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipposponu l-interrogatorju tat-tifel/tifla għal perjodu ta' żmien raġonevoli. Madankollu, f'ċirkustanzi eċċezzjonali u biss matul l-istadju ta' qabel il-proċess, fejn hemm bżonn urġenti li jiġu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika tat-tifel/tifla, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipproċedu immedjatament bl-interrogatorju.*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(17) F'xi Stati Membri, awtorità, li ma tkunx prosekutur pubbliku jew qorti li jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet kriminali, tkun kompetenti biex timponi pieni għajr iċ-ċaħda tal-libertà fir-rigward ta' reati relattivament minuri. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward ta' reati tat-traffiku li jitwettqu fuq skala kbira u jista' jkun li jiġu stabbiliti wara li jsir kontroll fuq it-traffiku. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw l-aċċess obbligatorju għas-servizziz ta' avukat. Meta l-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-impożizzjoni ta' piena minn tali awtorità fir-rigward ta' reati minuri u jkun hemm jew dritt ta' appell jew il-possibbiltà li b'xi mod ieħor il-każ jinġieb quddiem qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni f'materji kriminali, l-aċċess obbligatorju għal avukat għalhekk għandu japplika biss għall-proċedimenti li jinġiebu quddiem din il-qorti wara tali appell jew rinviju. F'xi Stati Membri l-proċedimenti li jinvolvu t-tfal jistgħu jiġu ttrattati minn prosekuturi pubbliċi li jistgħu jimponu pieni. F'dawn il-proċedimenti t-tfal għandu jkollhom aċċess obbligatorju għas-servizzi ta' avukat.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Li ma jiġix żgurat awtomatikament l-aċċess mandatarju għal avukat fil-każ ta' reati minuri jkun żbaljat. Għalhekk ma hemm l-ebda reat mingħajr konsegwenzi għat-tfal li jiġġustifika l-fatt li ma jiġux irrispettati d-drittijiet tagħhom.*

**Emenda 66**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) F'xi Stati Membri, awtorità, li ma tkunx prosekutur pubbliku jew qorti li jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet kriminali, tkun kompetenti biex timponi pieni għajr iċ-ċaħda tal-libertà fir-rigward ta' reati relattivament minuri. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward ta' reati tat-traffiku li jitwettqu fuq skala kbira u jista' jkun li jiġu stabbiliti wara li jsir kontroll fuq it-traffiku. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw l-aċċess obbligatorju għas-servizziz ta' avukat. Meta l-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-impożizzjoni ta' piena minn tali awtorità fir-rigward ta' reati minuri u jkun hemm jew dritt ta' appell jew il-possibbiltà li b'xi mod ieħor il-każ jinġieb quddiem qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni f'materji kriminali, l-aċċess obbligatorju għal avukat għalhekk għandu japplika biss għall-proċedimenti li jinġiebu quddiem din il-qorti wara tali appell jew rinviju. F'xi Stati Membri l-proċedimenti li jinvolvu t-tfal jistgħu jiġu ttrattati minn prosekuturi pubbliċi li jistgħu jimponu pieni. F'dawn il-proċedimenti t-tfal għandu jkollhom aċċess obbligatorju għas-servizzi ta' avukat.*** | ***Imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-firxa ta' reati minuri li fiha d-dritt għall-informazzjoni jkun eskluż mhijiex ċara, imma tista' tinkludi l-proċedimenti li għandhom konsegwenzi sinifikanti għat-tifel/tifla. Il-limitazzjoni tal-*

*kamp ta' applikazzjoni għandha bżonn tiġi diskussa mill-ġdid fil-kuntest tat-tfal.*

**Emenda 67**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) F'xi Stati Membri, awtorità, li ma tkunx prosekutur pubbliku jew qorti li jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet kriminali, tkun kompetenti biex timponi pieni għajr iċ-ċaħda tal-libertà fir-rigward ta' reati relattivament minuri. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward ta' reati tat-traffiku li jitwettqu fuq skala kbira u jista' jkun li jiġu stabbiliti wara li jsir kontroll fuq it-traffiku. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw l-aċċess obbligatorju għas-servizziz ta' avukat. Meta l-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-impożizzjoni ta' piena minn tali awtorità fir-rigward ta' reati minuri u jkun hemm jew dritt ta' appell jew il-possibbiltà li b'xi mod ieħor il-każ jinġieb quddiem qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni f'materji kriminali, l-aċċess obbligatorju għal avukat ***għalhekk*** għandu japplika ***biss*** għall-proċedimenti li jinġiebu quddiem din il-qorti wara tali appell jew rinviju. F'xi Stati Membri l-proċedimenti li jinvolvu t-tfal jistgħu jiġu ttrattati minn prosekuturi pubbliċi li jistgħu jimponu pieni. F'dawn il-proċedimenti t-tfal għandu jkollhom aċċess obbligatorju għas-servizzi ta' avukat. | (17) F'xi Stati Membri, awtorità, li ma tkunx prosekutur pubbliku jew qorti li jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet kriminali, tkun kompetenti biex timponi pieni għajr iċ-ċaħda tal-libertà fir-rigward ta' reati relattivament minuri. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward ta' reati tat-traffiku li jitwettqu fuq skala kbira u jista' jkun li jiġu stabbiliti wara li jsir kontroll fuq it-traffiku. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw l-aċċess obbligatorju għas-servizziz ta' avukat. ***Madankollu,*** meta l-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-impożizzjoni ta' piena minn tali awtorità fir-rigward ta' reati minuri u jkun hemm jew dritt ta' appell jew il-possibbiltà li b'xi mod ieħor il-każ jinġieb quddiem qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni f'materji kriminali, l-aċċess obbligatorju għal avukat għandu ***fi kwalunkwe każ*** japplika għall-proċedimenti li jinġiebu quddiem din il-qorti wara tali appell jew rinviju. F'xi Stati Membri l-proċedimenti li jinvolvu t-tfal jistgħu jiġu ttrattati minn prosekuturi pubbliċi li jistgħu jimponu pieni. F'dawn il-proċedimenti t-tfal għandu jkollhom aċċess obbligatorju għas-servizzi ta' avukat. |

Or. en

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(18) F'xi Stati Membri, ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri tat-traffiku, reati minuri fir-rigward ta' regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. Li l-awtoritajiet kompetenti jiġu obbligati jiżguraw l-aċċess obbligatorju għas-servizziz ta' avukat għal reati minuri bħal dawn huwa sproporzjonat. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprovdi li ċ-ċaħda tal-libertà ma tistax tiġi imposta bħala piena fir-rigward ta' reati żgħar, id-dritt għall-aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu għalhekk japplika biss għall-proċedimenti quddiem qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni f'materji kriminali.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Li ma jiġix żgurat awtomatikament l-aċċess mandatarju għal avukat fil-każ ta' reati minuri jkun żbaljat. Għalhekk ma hemm l-ebda reat mingħajr konsegwenzi għat-tfal li jiġġustifika l-fatt li ma jiġux irrispettati d-drittijiet tagħhom.*

**Emenda 69**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(18) F'xi Stati Membri, ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri tat-traffiku, reati minuri fir-rigward ta'*** | ***imħassar*** |

***regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. Li l-awtoritajiet kompetenti jiġu obbligati jiżguraw l-aċċess obbligatorju għas-servizziz ta' avukat għal reati minuri bħal dawn huwa sproporzjonat. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprovdi li ċ-ċaħda tal-libertà ma tistax tiġi imposta bħala piena fir-rigward ta' reati żgħar, id-dritt għall-aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu għalhekk japplika biss għall-proċedimenti quddiem qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni f'materji kriminali.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-firxa ta' reati minuri li fiha d-dritt għall-informazzjoni jkun eskluż mhijiex ċara, imma tista' tinkludi l-proċedimenti li jkollhom konsegwenzi sinifikanti għat-tifel/tifla. Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għandha bżonn tiġi diskussa mill-ġdid fil-kuntest tat-tfal.*

**Emenda 70**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) F'xi Stati Membri, ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri tat-traffiku, reati minuri fir-rigward ta' regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. Li l-awtoritajiet kompetenti jiġu obbligati jiżguraw l-aċċess ***obbligatorju għas-servizziz*** ta' avukat għal reati minuri bħal dawn ***huwa*** sproporzjonat. Fejn il-liġi ta' Stat Membru ***tipprovdi*** li ċ-ċaħda tal-libertà ma tistax tiġi imposta bħala piena fir-rigward ta' reati żgħar, id-dritt għall-aċċess għas-servizzi ta' avukat ***għandu*** għalhekk japplika biss għall-proċedimenti quddiem | (18) F'xi Stati Membri, ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri tat-traffiku, reati minuri fir-rigward ta' regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. Li l-awtoritajiet kompetenti jiġu obbligati jiżguraw l-aċċess ***mandatarju għas-servizzi*** ta' avukat għal reati minuri bħal dawn ***jaf ikun*** sproporzjonat. Fejn il-liġi ta' Stat Membru ***tiddisponi*** li ċ-ċaħda tal-libertà ma tistax tiġi imposta bħala piena fir-rigward ta' reati żgħar, id-dritt għall-aċċess għas-servizzi ta' avukat ***jaf*** għalhekk japplika biss għall-proċedimenti quddiem |

| | |
|---|---|
| qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni f'materji kriminali. | qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni f'materji kriminali. |

Or. en

**Emenda 71**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) L-Istati Membri għandhom, b'rispett għall-prinċipji bażiċi tas-sistemi legali tagħhom, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu intitolati li ma jipproċedux kontra l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li ma jimponux pieni fuqhom għall-involviment tagħhom f'attivitajiet kriminali li jkunu ġew sfurzati jwettqu bħala konsegwenza diretta tal-fatt li jkunu suġġetti għat-traffikar.*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18b) L-Istati Membri għandhom iqisu l-ippreventar tal-kriminalizzazzjoni tat-tfal għal atti li mhumiex meqjusa bħala reat jewli mhumiex ippenalizzati jekk jiġu mwettqa minn adult.*** |

Or. en

**Emenda 73**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Sabiex tiġi żgurata l-integrità personali ***ta' tifel*** li ***jiġi arrestat*** jew ***miżmum***, it-tifel għandu jkollu aċċess ***għal eżami mediku***. L-eżami mediku għandu jitwettaq minn tabib. | (20) Sabiex tiġi żgurata l-integrità personali***, il-benessri u s-saħħa tat-tfal*** li ***jiġu arrestati*** jew ***miżmuma***, ***it-tfal*** għandu jkollu aċċess ***għall-kura medika u jiġi eżaminat fejn ikun meħtieġ***. L-eżami mediku għandu jitwettaq minn tabib. |

Or. en

**Emenda 74**
**Anna Maria Corazza Bildt**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Sabiex tiġi żgurata l-integrità personali ***ta' tifel*** li ***jiġi arrestat jew miżmum, it-tifel*** għandu ***jkollu*** aċċess għal eżami mediku. L-eżami mediku għandu jitwettaq minn tabib. | (20) Sabiex tiġi żgurata l-integrità personali ***tat-tfal*** li ***jiġu arrestati jew miżmuma u biex*** jiġi ***vvalutat l-istat fiżiku u mentali tagħhom, it-tfal*** għandu ***jkollhom*** aċċess għal eżami mediku. L-eżami mediku għandu ***jkun wieħed mhux invażiv kemm jista' jkun u*** jitwettaq minn tabib ***kwalifikat***. |

Or. en

**Emenda 75**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Sabiex tiġi żgurata l-integrità personali ta' ***tifel li jiġi arrestat jew miżmum, it-tifel*** għandu ***jkollu*** aċċess għal eżami mediku. L-eżami mediku għandu jitwettaq minn tabib. | (20) Sabiex tiġi żgurata l-integrità personali ***tat-tfal li jiġu arrestati jew miżmuma, biex issir valutazzjoni tal-istat fiżiku u mentali ġenerali tagħhom u ta' kwalunkwe ħtiġijiet mediċi li jista' jkollhom, u biex jiġi stabbilit jekk għandhomx jiġu soġġetti għal interrogatorju, miżuri investigattivi jew*** ta***' ġbir ta' provi, jew kwalunkwe miżura speċjali meħuda jew prevista fil-konfront tagħhom, it-tfal*** għandu ***jkollhom*** aċċess għal eżami mediku. L-eżami mediku għandu jitwettaq minn tabib. |

Or. en

**Emenda 76**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Sabiex tiġi żgurata l-integrità personali ta***' tifel li jiġi arrestat jew miżmum, it-tifel*** għandu ***jkollu*** aċċess għal eżami mediku. L-eżami mediku għandu jitwettaq minn tabib. | (20) Sabiex tiġi żgurata l-integrità personali ***tat-tfal li ma jingħatawx il-libertà, inkluż li jiġu arrestati, miżmuma jew mitfugħa l-ħabs, biex issir evalwazzjoni tal-istat fiżiku u mentali ġenerali tagħhom, u ta' kwalunkwe bżonn mediku li jista' jkollhom, u biex jiġi stabbilit jekk għandhomx jiġu soġġetti għal interrogatorju, miżuri investigattivi jew*** ta***' ġbir ta' provi, jew kwalunkwe miżura speċjali meħuda jew prevista fil-konfront tagħhom, dawk it-tfal*** għandu ***jkollhom*** aċċess għal eżami mediku. L-eżami mediku għandu jitwettaq minn tabib. |

Or. en

**Emenda 77**
**Pál Csáky, Kinga Gál, Monika Hohlmeier**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) ***Sabiex*** tiġi żgurata biżżejjed protezzjoni għat-tfal li mhux dejjem huma kapaċi jifhmu l-kontenut tal-intervisti li jkunu suġġetti għalihom***, sabiex*** ikun evitat li l-kontenut ta***'*** intervista jiġi kkuntestat u b***'***hekk ***r-ripetizzjoni*** bla bżonn tal-intervista***,*** l-intervisti tat-tfal għandhom jiġu rrekordjati b'mod awdjoviżiv. ***Dan ma jinkludix l-intervista meħtieġa sabiex jiġi identifikat it-tifel.*** | (21) ***Filwaqt li jitqies li t-tfal huma partikolarment vulnerabbli, l-interrogatorju jista' jiġi pperċeput bħala trawmatiku, u għalhekk huwa essenzjali li l-interrogatorju jitwettaq minn professjonisti mħarrġa li jqisu l-età, il-maturità, il-livell ta' fehim tat-tfal u kwalunkwe diffikultà ta' kommunikazzjoni li jista' jkollhom. L-interrogatorju għandu jsir fil-preżenza ta' avukat u, fejn ikun mitlub mit-tfal u/jew fejn ikun għall-aħjar interessi tat-tfal, id-detentur tar-responsabilità parentali u, fejn ikun meħtieġ, professjonisti speċjalizzati. Id-dokumentazzjoni dettaljata u r-rekordjar awdjoviżiv tal-intervisti huma salvagwardja vitali li jservu kemm biex jiggarantixxu li l-intervisti jsiru b'mod xieraq u biex*** tiġi żgurata biżżejjed protezzjoni għat-tfal li mhux dejjem huma kapaċi jifhmu l-kontenut intervistili jkunu suġġetti għalihom***. Sabiex*** ikun evitat li l-kontenut ta***'*** intervista jiġi kkuntestat u b***'***hekk ***ir-ripetizzjoni*** bla bżonn tal-intervista***,*** l-intervisti tat-tfal għandhom ***għalhekk*** jiġu rrekordjati b'mod awdjoviżiv. |

Or. en

**Emenda 78**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex tiġi żgurata biżżejjed protezzjoni għat-tfal li mhux dejjem huma kapaċi jifhmu l-kontenut tal-intervisti li jkunu suġġetti għalihom, sabiex ikun evitat li l-kontenut ta*'* intervista jiġi kkuntestat u b'hekk ***r-ripetizzjoni*** bla bżonn tal-intervista*,* l-intervisti tat-tfal għandhom jiġu rrekordjati b'mod awdjoviżiv. Dan ma jinkludix ***l-intervista meħtieġa*** sabiex ***jiġi identifikat*** it-tifel. | (21) Sabiex tiġi żgurata biżżejjed protezzjoni għat-tfal li mhux dejjem huma kapaċi jifhmu l-kontenut tal-intervisti li jkunu suġġetti għalihom, sabiex ikun evitat li l-kontenut ta*'* intervistajiġi kkuntestat u b'hekk ***ir-ripetizzjoni*** bla bżonn intervista***,*** intervisti tat-tfal għandhom***, fejn ikun meħtieġ, proporzjonat u possibbli,*** jiġu rrekordjati b'mod awdjoviżiv. Dan ma jinkludix ***l-interrogatorju meħtieġ*** sabiex ***jiġu identifikati t-tifel/tifla***. |

Or. en

**Emenda 79**
**Pál Csáky, Kinga Gál, Monika Hohlmeier**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Madankollu, ma jkunx proporzjonat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati jiżguraw li l-każijiet kollha jiġu rrekordjati b'mod awdjoviżiv. Għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni l-kumplessità tal-każ, is-serjetà tal-allegat reat u l-piena li potenzjalment tista' tingħata. Jekk xi tifel ikun imċaħħad mil-libertà qabel ma jinstab ħati, kull intervista tat-tifel għandha tiġi rrekordjata b'mod awdjoviżiv. | (22) Madankollu, ma jkunx proporzjonat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati jiżguraw li l-każijiet kollha jiġu rrekordjati b'mod awdjoviżiv***, b'mod partikolari f'każijiet ta' reati minuri***. Għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni l-kumplessità tal-każ, is-serjetà tal-allegat reat u l-piena li potenzjalment tista' tingħata. Jekk xi tifel ikun imċaħħad mil-libertà qabel ma jinstab ħati, kull intervista tat-tifel għandha tiġi rrekordjata b'mod awdjoviżiv. |

Or. en

**Emenda 80**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Dan l-irekordjar awdjoviżiv għandu jkun aċċessibbli biss mill-awtoritajiet ġudizzjarji u mill-partijiet fil-proċedimenti. ***Barra minn hekk, l-intervisti mat-tfal għandhom jitwettqu b'tali mod li jiġu kkunsidrati l-età u l-livell ta' maturità tagħhom.*** | (23) Dan l-irekordjar awdjoviżiv għandu jkun aċċessibbli biss mill-awtoritajiet ġudizzjarji u mill-partijiet fil-proċedimenti. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha tinqara flimkien mal-emenda proposta għall-Artikolu 9 tad-Direttiva, li għandha tinkludi t-tieni sentenza ta' din il-Premessa 23.*

**Emenda 81**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) It-tfal jinsabu f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli f'dak li jikkonċerna d-detenzjoni. Għandhom isiru sforzi speċjali sabiex tkun evitata ċ-ċaħda tal-libertà tat-tfal minħabba r-riskji intrinsiċi għall-iżvilupp fiżiku, mentali u soċjali tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw miżuri alternattivi u jimponu dawn il-miżuri kull meta dan ikun fl-aħjar interess tat-tifel. Dan jista' jinkludi l-obbligu li jiġu rrappurtati lill-awtorità kompetenti, xi restrizzjoni fuq kuntatt ma' persuni speċifiċi, ir-rekwiżit li jingħata trattament terapewtiku jew trattament għal dipendenza u l-parteċipazzjoni f'miżuri edukattivi. | (25) It-tfal jinsabu f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli f'dak li jikkonċerna d-detenzjoni. Għandhom isiru sforzi speċjali sabiex tkun evitata ċ-ċaħda tal-libertà tat-tfal minħabba r-riskji intrinsiċi għall-iżvilupp fiżiku, mentali u soċjali tagħhom ***u minħabba l-fatt li xxekkel serjament ir-reintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. Għalhekk, iċ-ċaħda tal-libertà għandha tintuża biss bħala miżura tal-aħħar u għall-iqsar perjodu xieraq ta' żmien.*** L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw miżuri alternattivi u jimponu dawn il-miżuri kull meta dan ikun fl-aħjar interess tat-tifel. Dan jista' jinkludi l-obbligu li jiġu rrappurtati lill-awtorità kompetenti, xi restrizzjoni fuq |

| | |
|---|---|
| | kuntatt ma' persuni speċifiċi, ir-rekwiżit li jingħata trattament terapewtiku jew trattament għal dipendenza u l-parteċipazzjoni f'miżuri edukattivi. |

Or. en

**Emenda 82**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) It-tfal jinsabu f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli f'dak li jikkonċerna d-detenzjoni. Għandhom isiru sforzi speċjali sabiex tkun evitata ċ-ċaħda tal-libertà tat-tfal minħabba r-riskji intrinsiċi għall-iżvilupp fiżiku, mentali u soċjali tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw miżuri alternattivi u jimponu dawn il-miżuri kull meta dan ikun fl-aħjar interess tat-tifel. Dan jista' jinkludi l-obbligu li jiġu rrappurtati lill-awtorità kompetenti, xi restrizzjoni fuq kuntatt ma' persuni speċifiċi, ir-rekwiżit li jingħata trattament terapewtiku jew trattament għal dipendenza u l-parteċipazzjoni f'miżuri edukattivi. | (25) It-tfal jinsabu f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli f'dak li jikkonċerna d-detenzjoni. Għandhom isiru sforzi speċjali sabiex tkun evitata ċ-ċaħda tal-libertà tat-tfal minħabba r-riskji intrinsiċi għall-iżvilupp fiżiku, mentali u soċjali tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw miżuri alternattivi u jimponu dawn il-miżuri kull meta dan ikun fl-aħjar interess tat-tifel***/tifla, u fejn ikun xieraq, meta jitqiesu n-natura tar-reat u t-theddida kemm għall-pubbliku kif ukoll għas-sikurezza tat-tifel/tifla***. Dan jista' jinkludi l-obbligu li jiġu rrappurtati lill-awtorità kompetenti, xi restrizzjoni fuq kuntatt ma' persuni speċifiċi, ir-rekwiżit li jingħata trattament terapewtiku jew trattament għal dipendenza u l-parteċipazzjoni f'miżuri edukattivi. |

Or. en

**Emenda 83**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) F'każ li t-tfal ma jingħatawx il-libetà, huma għandhom jibbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni speċjali. B'mod partikolari huma għandhom jinżammu separati mill-adulti sakemm ma jkunx meqjus li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li ma jsirx hekk, skont l-Artikolu 37(c) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Meta tifel detenut jilħaq l-età ta' 18-il sena, għandu jkun hemm ***il-possibbiltà li fejn meħtieġ jibqa' miżmum separatament, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi individwali tal-każ***. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-mod kif jiġu ttrattati t-tfal detenuti minħabba l-vulnerabbiltà intrinsika tagħhom. It-tfal għandu jkollhom aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim skont il-ħtiġijiet tagħhom. | (26) F'każ li t-tfal ma jingħatawx il-libetà, huma għandhom jibbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni speċjali. B'mod partikolari huma għandhom ***dejjem*** jinżammu separati mill-adulti sakemm ***f'ċirkustanzi eċċezzjonali*** ma jkunx meqjus li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li ma jsirx hekk, skont l-Artikolu 37(c) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Meta tifel detenut jilħaq l-età ta' 18-il sena, għandu jkun hemm ***perjodu ta' tranżizzjoni lejn id-detenzjoni tal-adulti***. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-mod kif jiġu ttrattati t-tfal detenuti minħabba l-vulnerabbiltà intrinsika tagħhom. It-tfal għandu jkollhom aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim skont il-ħtiġijiet tagħhom. |

Or. en

**Emenda 84**
**Pál Csáky, Kinga Gál, Monika Hohlmeier**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) Tfal li ma jingħatawx il-libertà għandhom b'mod partikolari d-dritt li jżommu kuntatt regolari u sinifikattiv mal-ġenituri, il-familja u l-ħbieb permezz ta' żjarat u korrispondenza, sakemm mhumiex meħtieġa restrizzjonijiet eċċezzjonali fl-aħjar interessi tat-tfal u fl-interessi tal-ġustizzja.*** |

Or. en

**Emenda 85**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) It-tfal għandhom jiġu ġġudikati bil-bibien magħluqin sabiex il-privatezza tagħhom tkun protetta u sabiex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. F'każijiet eċċezzjonali ***l-qorti tista' tiddeċiedi*** li ***smigħ għandu jseħħ pubblikament*** wara li ***jkunu kkunsidrati*** l-aħjar interessi tat-tifel. | (28) It-tfal għandhom jiġu ġġudikati bil-bibien magħluqin sabiex il-privatezza tagħhom tkun protetta u sabiex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. ***Huwa biss f'***każijiet eċċezzjonali ***li l-qorti għandu jkollha l-possibilità li, filwaqt li jitqiesu*** l-aħjar interessi tat-tfal***, tmexxi smigħ fil-pubbliku. L-Istati Membri għandhom jaraw*** li ***jipproteġu l-privatezza tat-tfal fir-rigward tal-proċedimenti kriminali u tal-eżitu tagħhom,*** wara li ***jiġi kkunsidrat il-ksur li jista' jitwettaq permezz tal-midja, inkluż l-Internet, u li jaġevolaw ir-reintegrazzjoni fis-soċjetà tat-tfal involuti fi proċedimenti kriminali, bil-għan li jittieħdu passi intiżi biex jipprevjenud-diskriminazzjoni u l-emarġinazzjoni***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda ssegwi l-Emenda 17 proposta mir-rapporteur. Il-kelma "eċċezzjonali" fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għandha tinżamm.*

**Emenda 86**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) It-tfal għandhom jiġu ġġudikati bil-bibien magħluqin sabiex il-privatezza | (28) It-tfal għandhom jiġu ġġudikati bil-bibien magħluqin sabiex il-privatezza |

| | |
|---|---|
| tagħhom tkun protetta u sabiex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. F'każijiet eċċezzjonali ***l-qorti tista'*** tiddeċiedi li ***smigħ għandu jseħħ pubblikament*** wara li ***jkunu kkunsidrati l-aħjar interessi tat-tifel***. | tagħhom tkun protetta u sabiex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. ***Huwa biss*** f'każijiet eċċezzjonali***, meta jkun fl-aħjar*** interess ***tat-tfal, li l-qorti għandu jkollha l-possibilità li tmexxi smigħ fil-pubbliku***. ***L-Istati Membri għandhom ifittxu*** li ***jipproteġu l-privatezza tat-tfal fir-rigward tal-proċedimenti kriminali u tal-eżitu tagħhom,*** wara li ***jiġi kkunsidrat il-ksur li jista' jitwettaq permezz tal-midja, inkluż l-Internet***. ***L-Istati Membri għandhom jaġevolaw ir-reintegrazzjoni fis-soċjetà tat-tfal involuti fi proċedimenti kriminali, u għandhom jieħdu passi b'mod attiv sabiex jevitaw id-diskriminazzjoni u l-emarġinazzjoni ta' dawn it-tfal.*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) It-tfal għandhom jiġu ġġudikati bil-bibien magħluqin sabiex il-privatezza tagħhom tkun protetta u sabiex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. F'każijiet eċċezzjonali ***l-qorti tista' tiddeċiedi li smigħ għandu jseħħ pubblikament wara li jkunu kkunsidrati l-aħjar*** interessi ***tat-tifel***. | (28) It-tfal għandhom jiġu ġġudikati bil-bibien magħluqin sabiex il-privatezza tagħhom tkun protetta u sabiex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. ***Huwa biss*** f'każijiet eċċezzjonali***, meta jkun fl-aħjar*** interess ***tat-tfal, li l-qorti għandu jkollha l-possibilità li tmexxi smigħ fil-pubbliku . Tali deċiżjoni għandha tkun miftuħa għall-appell mit-tfal.*** |

Or. en

**Emenda 88**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda informazzjoni jew dejta personali ma ssir disponibbli jew tiġi ppubblikata, partikolarment fil-midja, li jistgħu jikxfu jew indirettament jippermettu l-iżvelar tal-identità tat-tifel/tifla, inklużi r-ritratt jew l-isem tat-tifel/tifla jew tal-familja tiegħu/tagħha. L-Istati Membri għandhom ifittxu li jipprevjenu l-ksur tal-privatezza tat-tfal fir-rigward tal-proċedimenti kriminali u l-eżitu tagħhom mill-midja, inkluż permezz tal-internet, ukoll permezz tat-teħid ta' miżuri xierqa.*** |

Or. en

**Emenda 89**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta rekords jew dokumenti li jkun fihom dejta personali u sensittiva tat-tfal jiġu trasferiti, dan it-trasferiment jitmexxa skont il-leġiżlazzjoni relevanti dwar il-protezzjoni tad-dejta.*** |

Or. en

**Emenda 90**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28c (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(28c) L-Istati Membri għandhom iqisu li jiżguraw li l-protezzjoni tal-privatezza kif inhi spjegata f'din id-Direttiva testendi għal wara li t-tfal jagħlqu t-18-il sena u matul ħajjithom kollha, billi jiġu evitati l-istigmatizzazzjoni, il-preġudikazzjonijiet u/jew iż-żieda fl-għoti ta' pieni futuri.*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (29) Sabiex jiġu żgurati l-għajnuna u l-appoġġ adattati għat-tfal, id-detentur tal-awtorità tal-ġenituri jew adult ieħor adattat, għandhom ikollhom aċċess għas-smigħ tal-qorti fejn hemm involut it-tifel issuspettat jew mixli. | (29) Sabiex jiġu żgurati l-għajnuna u l-appoġġ adattati għat-tfal, id-detentur tal-awtorità tal-ġenituri***, il-kustodju,*** jew adult ieħor adattat, għandhom ikollhom aċċess għas-smigħ tal-qorti fejn hemm involut it-tifel issuspettat jew mixli***, jekk jitqies li jkun fl-aħjar interessi tat-tfal***. |

Or. en

**Emenda 92**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (30) Id-dritt ta' persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-kawża huwa bbażat fuq id-dritt għal proċess ġust previst fl-Artikolu 6 | (30) Id-dritt ta' persuna akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess huwa bbażat fuq id-dritt għal proċess ġust previst fl- |

tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali***, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem***.

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Or. en

**Emenda 93**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jidhru in persuna u jipparteċipaw fil-proċess u jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv, inkluż billi jingħataw l-opportunità li jinstemgħu u li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom meta huma jitqiesu li jkollhom biżżejjed fehim tal-proċedura. L-imħallfin għandhom iqisu kif suppost il-fehmiet u l-opinjoni tat-tfal skont l-età u l-maturità tat-tfal. It-tfal għandom jingħataw l-informazzjoni neċessarja kollha dwar kif għandhom jużaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu b'mod effettiv.*** |

Or. en

**Emenda 94**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Sabiex tiġi mmonitorjata u evalwata l-effikaċja ta' din id-Direttiva, hemm bżonn li d-dejta li għandha x'taqsam mal- | (33) Sabiex tiġi mmonitorjata u evalwata l-effikaċja ta' din id-Direttiva, hemm bżonn li d-dejta li għandha x'taqsam mal- |

| | |
|---|---|
| implimentazzjoni tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva tinġabar mill-Istati Membri. Id-dejta relevanti tinkludi d-dejta rreġistrata mill-awtoritajiet ġudizzjarji u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u, sa fejn ikun possibbli, id-dejta amministrattiva miġbura mis-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-assistenza soċjali b'rabta mad-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva***, b'mod partikolari rigward l-għadd ta' tfal mogħtija aċċess għas-servizzi ta' avukat, l-għadd ta' evalwazzjonijiet individwali mwettqa, l-għadd ta' intervisti rrekordjati b'mod awdjoviżiv u l-għadd ta' tfal li ma ngħatawx il-libertà***. | implimentazzjoni tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva tinġabar mill-Istati Membri. Id-dejta relevanti tinkludi d-dejta rreġistrata mill-awtoritajiet ġudizzjarji u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u, sa fejn ikun possibbli, id-dejta amministrattiva miġbura mis-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-assistenza soċjali b'rabta mad-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 95**
**Tomáš Zdechovský**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Sabiex tiġi mmonitorjata u evalwata l-effikaċja ta' din id-Direttiva, hemm bżonn li d-dejta li għandha x'taqsam mal-implimentazzjoni tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva tinġabar mill-Istati Membri. Id-dejta relevanti tinkludi d-dejta rreġistrata mill-awtoritajiet ġudizzjarji u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u, sa fejn ikun possibbli, id-dejta amministrattiva miġbura mis-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-assistenza soċjali b'rabta mad-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva***, b'mod partikolari rigward l-għadd ta' tfal mogħtija aċċess għas-servizzi ta' avukat, l-għadd ta' evalwazzjonijiet individwali mwettqa, l-għadd ta' intervisti rrekordjati b'mod awdjoviżiv u l-għadd ta' tfal li ma*** | (33) Sabiex tiġi mmonitorjata u evalwata l-effikaċja ta' din id-Direttiva, hemm bżonn li d-dejta li għandha x'taqsam mal-implimentazzjoni tad-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva tinġabar mill-Istati Membri. Id-dejta relevanti tinkludi d-dejta rreġistrata mill-awtoritajiet ġudizzjarji u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u, sa fejn ikun possibbli, id-dejta amministrattiva miġbura mis-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-assistenza soċjali b'rabta mad-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. |

***nghatawx il-libertà***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-test imħassar huwa ripetut kelma b'kelma fl-Artikolu 20(2) tad-Direttiva proposta. Ir-ripetizzjoni ta' test identiku f'żewġ postijiet tal-istess dokument legalment vinkolanti, bħalma hi d-Direttiva, għandha tiġi evitata skont il-Linji Gwida tal-Gwida Prattika Konġunta għall-abbozzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE.*

**Emenda 96**
**Tomáš Zdechovský**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali***, inklużi l-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-integrità tal-persuna, id-drittijiet tat-tfal, l-integrazzjoni tal-persuni diżabbli, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għad-difiża***. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji. | (34) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali li jinsabu fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-test imħassar huwa superfluwu għax jerġa' jsemmi l-kontenut tal-Karta u tal-Konvenzjoni. Huwa wkoll kawża ta' konfużjoni għax mhuwiex ċar fil-mod kif din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet l-oħrajn imniżżla fil-Karta u l-Konvenzjoni. Id-drittijiet fit-test imħassar se jiġu*

*rrispettati aktar mill-oħrajn min-naħa tad-Direttiva? L-abbozzar ta' test ġuridiku li joħloq konfużjoni ġuridika mhuwiex konformi mal-linji gwida tal-Gwida Prattika Konġunta għall-abbozzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE.*

**Emenda 97**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva bil-għan li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni. Tali livell ogħla ta' protezzjoni ma għandux jikkostitwixxi ostakolu għar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi ġudizzjarji li dawn ir-regoli minimi huma mfassla li jiffaċilitaw. Il-livell ta' protezzjoni qatt ma għandu jaqa' taħt l-istandards ***previsti*** fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali***, kif interpretati fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*** | (35) Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva bil-għan li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni. Tali livell ogħla ta' protezzjoni ma għandux jikkostitwixxi ostakolu għar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi ġudizzjarji li dawn ir-regoli minimi huma mfassla li jiffaċilitaw. Il-livell ta' protezzjoni qatt ma għandu jaqa' taħt l-istandards ***li hemm dispożizzjonijiet għalihom f'din id-Direttiva,*** fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali |

Or. en

**Emenda 98**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Ġaladarba l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti standards | (36) Ġaladarba l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti standards |

| | |
|---|---|
| minimi dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal issuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost jintlaħqu aħjar, minħabba l-iskala ***u l-effetti tal-azzjoni***, fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà**,** kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu dawn l-objettivi. | minimi ***komuni fl-Unjoni Ewropea kollha*** dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal issuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost jintlaħqu aħjar, minħabba l-iskala ***tal-miżura***, fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu dawn l-objettivi. |

Or. en

**Emenda 99**
**Gérard Deprez, Louis Michel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva tapplika ***għal tfal*** suġġetti għal proċedimenti kriminali minn meta dawn jaqgħu taħt suspett jew jiġu mixlija li kkommettew reat, ***sa tmiem il-proċedimenti kriminali***. | 1. Din id-Direttiva tapplika ***għat-tfal*** suġġetti għal proċedimenti kriminali minn meta dawn jaqgħu taħt suspett jew jiġu mixlija li kkommettew reat, ***f'kull stadju tal-proċedimenti, u sakemm jagħlqu l-21 sena***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva tfittex li tistabbilixxi salvagwardji speċjali għat-tfal minħabba li huma meqjusa vulnerabbli. Ladarba jilħqu l-età ta' 21 sena, il-fattur tal-vulnerabilità ma jibqax wieħed relevanti.*

**Emenda 100**
**Elissavet Vozemberg**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva tapplika għal tfal suġġetti għal proċedimenti kriminali minn meta dawn jaqgħu taħt suspett jew jiġu mixlija li kkommettew reat, sa tmiem il-proċedimenti kriminali. | 1. Din id-Direttiva tapplika għal tfal suġġetti għal proċedimenti kriminali minn meta dawn jaqgħu taħt suspett jew jiġu mixlija li kkommettew reat, sa tmiem il-proċedimenti kriminali. ***Iż-żmien eżatt li fih jitwettaq ir-reat għandu jkun deċiżiv biex jiġi ddeterminat jekk l-awtur tar-reat għandux jitqies bħala tifel/tifla.*** |

Or. el

**Emenda 101**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Din id-Direttiva tapplika ***għal persuni*** ssuspettati jew mixlija suġġetti ***għal proċedimenti*** kriminali msemmija fil-paragrafu 1, u ***għal persuni*** suġġetti għall-proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew ***msemmija*** fil-paragrafu 2, li ma jibqgħux tfal matul dawn il-proċedimenti li ***jkunu bdew*** meta dawn kienu tfal. | 3. Din id-Direttiva tapplika ***għall-persuni*** ssuspettati jew mixlija suġġetti ***għall-proċedimenti*** kriminali msemmija fil-paragrafu 1, u ***għall-persuni*** suġġetti għall-proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew ***imsemmija*** fil-paragrafu 2, li ma jibqgħux tfal matul dawn il-proċedimenti***,*** li ***jirrigwardaw reati allegatament imwettqa*** meta dawn kienu tfal. |

Or. en

**Emenda 102**
**Caterina Chinnici**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Din id-Direttiva tapplika għal persuni ssuspettati jew mixlija suġġetti għal proċedimenti kriminali msemmija fil-paragrafu 1, u għal persuni suġġetti għall-proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew ***msemmija*** fil-paragrafu 2, li ma jibqgħux tfal matul dawn il-proċedimenti li ***jkunu bdew meta dawn kienu tfal***. | 3. Din id-Direttiva tapplika għal persuni ssuspettati jew mixlija suġġetti għal proċedimenti kriminali msemmija fil-paragrafu 1, u għal persuni suġġetti għall-proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew ***imsemmija*** fil-paragrafu 2, li ma jibqgħux tfal ***imma li jkunu għadhom taħt l-età ta' 21 sena*** matul dawn il-***proċediment,i*** li ***jirrigwardaw reati allegatament imwettqa qabel ma dawk il-persuni kienu għalqu t-18-il sena***. |

Or. en

**Emenda 103**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Nathalie Griesbeck, Marielle de Sarnez**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Din id-Direttiva tapplika għal persuni ssuspettati jew mixlija suġġetti għal proċedimenti kriminali msemmija fil-paragrafu 1, u għal persuni suġġetti għall-proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew msemmija fil-paragrafu 2, li ma jibqgħux tfal matul dawn il-proċedimenti li jkunu bdew meta dawn kienu tfal.*** | 3. ***Meta persuna li jkollha aktar minn 18-il sena ssir persuna ssuspettata jew mixlija fi proċedimenti kriminali għal reat magħmul meta kienet għadha taħt l-età ta' 18-il sena, din id-Direttiva għandha tapplika sakemm din il-persuna tilħaq l-età ta' 21 sena***. |

Or. fr

**Emenda 104**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Din id-Direttiva tapplika għal persuni ssuspettati jew mixlija suġġetti għal proċedimenti kriminali msemmija fil-paragrafu 1, u għal persuni suġġetti għall-proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew ***msemmija*** fil-paragrafu 2, li ma jibqgħux tfal matul dawn il-proċedimenti li ***jkunu bdew meta dawn kienu tfal***. | 3. Din id-Direttiva tapplika għal persuni ssuspettati jew mixlija suġġetti għal proċedimenti kriminali msemmija fil-paragrafu 1, u għal persuni suġġetti għall-proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew ***imsemmija*** fil-paragrafu 2, li ma jibqgħux tfal matul dawn il-proċedimenti**,** li ***jirrigwardaw reati allegatament imwettqa qabel ma dawk il-persuni kienu għalqu 18-il sena***. |

Or. en

**Emenda 105**
**Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Din id-Direttiva tapplika wkoll għal tfal li ma jkunux issuspettati jew mixlija, li matul l-intervista mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi, isiru persuni ssuspettati jew mixlija. | 4. Din id-Direttiva tapplika wkoll għal tfal li ma jkunux issuspettati jew mixlija, li matul l-intervista mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi, isiru persuni ssuspettati jew mixlija. ***F'dan il-każ, id-Direttiva għandha titqies bħala waħda li tapplika mill-bidu tal-interrogatorju.*** |

Or. bg

**Emenda 106**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jiġu | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li |

| | |
|---|---|
| infurmati ***fil-pront*** dwar id-drittijiet tagħhom skont id- Direttiva 2012/13/UE. Huma jiġu infurmati wkoll dwar id-drittijiet li ġejjin fi ħdan l-istess kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/13/UE: | t-tfal jiġu infurmati ***immedjatament*** dwar ***il-proċedimenti li jkunu għaddejjin u dwar*** id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/13/UE. Huma ***għandhom*** jiġu infurmati wkoll dwar id-drittijiet li ġejjin fi ħdan l-istess kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/13/UE: |

Or. fr

**Emenda 107**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jiġu infurmati fil-pront dwar ***id-drittijiet*** tagħhom skont id- Direttiva 2012/13/UE***. Huma jiġu infurmati wkoll dwar*** id-drittijiet li ġejjin ***fi ħdan l-istess kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/13/UE***: | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal jiġu infurmati fil-pront ***u direttament - bil-miktub u bil-fomm, b'lingwa u b'manjiera adattati għall-età u l-maturità tagħhom -*** dwar ***l-akkużi miġjuba kontrihom, il-proċedimenti u d-drittijiet*** tagħhom skont id- Direttiva 2012/13/UE ***inklużi*** d-drittijiet li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 108**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) id-dritt tagħhom, kif ***previst fl-Artikolu*** 5, li d-detenturi tal-awtorità tal-ġenituri jiġu mgħarrfa; | (1) id-dritt tagħhom, kif ***jiddisponi l-Artikolu*** 5, li d-detenturi tal-awtorità tal-ġenituri ***u l-kustodji*** jiġu mgħarrfa; |

Or. en

**Emenda 109**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) id-dritt tagħhom, kif ***previst fl-Artikolu*** 15, biex ***d-detenturi*** tal-awtorità tal-ġenituri jkollhom aċċess għas-seduti tal-qorti; | (7) id-dritt tagħhom, kif ***jiddisponi l-Artikolu*** 15, biex ***id-detenturi*** tal-awtorità tal-ġenituri ***u l-kustodji*** jkollhom aċċess għas-seduti tal-qorti; |

Or. en

**Emenda 110**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv;*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din tikkomplementa l-Emenda 24 proposta mir-rapporteur.*

**Emenda 111**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) id-dritt tagħhom għal appell.*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) id-dritt tagħhom għal aċċess għall-ġustizzja li jkun adattat għall-bżonnijiet tagħhom, u għal servizzi ta' appoġġ xierqa.*** |

Or. fr

**Emenda 113**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jiżguraw li meta t-tfal ***huma*** mċaħħda mil-libertà, ***l-Ittra*** tad-Drittijiet ***mogħtija lilhom*** skont ***id-Direttiva 2012/13/UE*** tinkludi d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva. | 2. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li meta t-tfal ***ikunu*** mċaħħda mil-libertà, ***huma għandhom jingħataw Ittra*** tad-Drittijiet skont ***id-Direttiva 2012/13/UE li*** tinkludi d-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva ***kif ukoll informazzjoni dwar l-akkużi miġjuba kontrihom b'lingwaġġ sempliċi u adattat skont l-etajiet, li jqis l-età u l-livell ta' maturità tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li jittieħdu l-passi kollha biex jiġi żgurat li t-tfal jifhmu d-drittijiet tagħhom u n-natura tal-akkużi permezz ta' verifika u spjegazzjoni bil-fomm addizzjonali, skont il-ħtieġa.*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li jiddisponu għaliha l-paragrafi 1 u 2 tingħata bil-fomm jew bil-miktub, billi jintużaw metodi xierqa skont l-età, il-maturità, l-għarfien u l-kapaċità intellettwali tat-tfal, b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli li t-tfal jistgħu jifhmu u li jqis id-differenzi kulturali u tas-sessi.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija bbażata fuq il-Linji Gwida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja li tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal u fuq l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2012/13/EU.*

**Emenda 115**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detentur tal-awtorità tal-ġenituri tat-tifel jew, meta dan imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal, adult xieraq ieħor, jingħata t-tagħrif li t-tifel jirċievi skont l-Artikolu 4. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detentur tal-awtorità tal-ġenituri ***jew il-kustodji*** tat-tifel jew, meta dan imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal, adult xieraq ieħor, jingħata t-tagħrif li t-tifel jirċievi skont l-Artikolu 4. |

Or. en

**Emenda 116**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jiltaqgħu mad-detentur tal-awtorità tal-ġenituri jew adult adattat kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu kemm jista' jkun malajr wara l-arrest tagħhom.*** |

Or. fr

**Emenda 117**
**Pál Csáky, Kinga Gál, Monika Hohlmeier**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jiltaqgħu mad-detentur tal-awtorità tal-ġenituri fil-pront wara l-arrest jew id-detenzjoni, u fi kwalunkwe każ qabel il-mistoqsijiet, u d-dritt li jitolbu li jkollhom tali adult preżenti matul l-interrogatorju u l-atti investigattivi l-oħra kollha matul il-proċedimenti kriminali, sakemm dan ikun fl-aħjar interess tat-tfal.*** |

Or. en

**Emenda 118**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jiltaqgħu mad-detentur tal-awtorità tal-ġenituri, jew l-adult adattat fejn ikun meqjus meħtieġ skont l-Artikolu 5(1), fil-pront wara l-arrest jew id-detenzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat ***tul il-proċedimenti*** kriminali, skont id-Direttiva 2013/48/UE. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat ma jistax jiġi rrinunzjat. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat ***f'kull stadju tal-proċedimenti*** kriminali, skont id-Direttiva 2013/48/UE. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat ma jistax jiġi rrinunzjat. |

Or. en

**Emenda 120**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat tul il-proċedimenti kriminali***, skont id-Direttiva 2013/48/UE.*** | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat tul il- |

| | |
|---|---|
| ***Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat ma jistax jiġi rrinunzjat.*** | proċedimenti kriminali. |

Or. en

**Emenda 121**
**Pál Csáky, Monika Hohlmeier, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat ***tul il-proċedimenti*** kriminali, skont id-Direttiva 2013/48/UE. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat ma jistax jiġi rrinunzjat. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat ***f'kull stadju tal-proċedimenti*** kriminali, skont id-Direttiva 2013/48/UE. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat ma jistax jiġi rrinunzjat. ***Madankollu, f'każijiet minuri din l-assistenza tista' tingħata minn awtorità pedagoġika fejn tali soluzzjoni pedagoġika tegħleb kundanna.*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Id-derogi li jiddisponi għalihom l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2013/48/UE m'għandhomx japplikaw għat-tfal.*** |

Or. fr

**Emenda 123**
**Mariya Gabriel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għal dan ***l-għan*** it-tfal ***ikunu evalwati*** individwalment. ***L-evalwazzjoni*** tieħu kont partikolari tal-personalità u tal-maturità tat-tfal, u l-isfond ekonomiku u soċjali tagħhom. | 2. Għal dan ***il-għan*** it-tfal ***għandhom jiġu vvalutati*** individwalment. ***żIl-valutazzjoni għandha*** tieħu kont partikolari tal-personalità u tal-maturità tat-tfal, u l-isfond ekonomiku u soċjali tagħhom. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-aktar tfal vulnerabbli, inklużi l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.*** |

Or. fr

**Emenda 124**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għal dan ***l-għan*** it-tfal ***ikunu evalwati*** individwalment. ***L-evalwazzjoni*** tieħu kont partikolari tal-personalità u tal-maturità tat-tfal, u l-isfond ekonomiku u soċjali tagħhom. | 2. Għal dan ***il-għan*** it-tfal ***għandhom jiġu vvalutati*** individwalment. ***Il-valutazzjoni għandha*** tieħu kont partikolari tal-personalità u tal-maturità tat-tfal, u l-isfond ***familjari,*** ekonomiku usoċjali tagħhom***, l-ambjent ta' kif jgħixu u kwalunkwe vulnerabilità speċifika tagħhom***. |

Or. en

**Emenda 125**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għal dan ***l-għan*** it-tfal ***ikunu evalwati*** | 2. Għal dan ***il-għan*** it-tfal ***għandhom jiġu*** |

| | |
|---|---|
| individwalment. ***L-evalwazzjoni*** tieħu kont partikolari tal-personalità u tal-maturità tat-tfal, u ***l-isfond ekonomiku u soċjali*** tagħhom. | ***vvalutati*** individwalment. ***Il-valutazzjoni għandha*** tieħu kont partikolari tal-personalità u tal-maturità tat-tfal, u ***ċ-ċirkostanzi individwali*** tagħhom. |

Or. en

**Emenda 126**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-evalwazzjoni individwali titwettaq ***fi stadju*** adegwat ***tal-proċedimenti,*** u f'***xi waqt*** qabel l-akkuża. | 3. L-evalwazzjoni individwali ***għandha*** titwettaq ***fl-istadju*** adegwat ***l-aktar bikri*** u***, fi kwalunkwe każ,*** qabel l-akkuża. |

Or. en

**Emenda 127**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-evalwazzjoni individwali titwettaq ***fi stadju*** adegwat tal-proċedimenti, u ***f'xi waqt*** qabel ***l-akkuża***. | 3. L-evalwazzjoni individwali ***għandha*** titwettaq ***fl-istadju*** adegwat ***l-aktar bikri*** tal-proċedimenti u ***fi kwalunkwe każ*** qabel ***l-interrogatorju jew l-impożizzjoni ta' miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà, skont liema waħda tiġi l-ewwel***. |

Or. en

**Emenda 128**
**Tomáš Zdechovský**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Il-kobor*** u d-dettall ***tal-evalwazzjoni*** individwali jistgħu jvarjaw ***skont iċ-ċirkostanzi*** tal-każ, is-serjetà tal-allegat reat u l-piena li ***għandha*** tiġi imposta jekk it-tifel ***jinstab ħati*** tal-allegat reat, kemm jekk it-tifel preċedentement, fil-kuntest ta’ proċedimenti kriminali, ***jkunx ġibed*** jew le l-attenzjoni ***fuqu*** tal-awtoritajiet kompetenti. | 4. ***Sew jekk tkun preċedentement inġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti dwar it-tifel/tifla fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali,*** u ***sew jekk le, il-livell u*** d-dettall ***tal-valutazzjoni*** individwali jistgħu jvarjaw***. Dan jaf jiddependi, b'mod partikolari, miċ-ċirkostanzi*** tal-każ, is-serjetà tal-allegat reat u l-piena li ***se*** tiġi imposta jekk it-tifel***/tifla jinstabu ħatja*** tal-allegat reat, kemm jekk it-tfal preċedentement, fil-kuntest ta’ proċedimenti kriminali, ***jkunux ġibdu*** jew le l-attenzjoni ***fuqhom*** tal-awtoritajiet kompetenti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qsim tas-sentenza twila fi tnejn iqsar tagħmel it-test aktar faċli biex jinftiehem. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-livell u d-dettall tal-valutazzjoni individwali m'għandhomx ikunu magħluqin, imma miftuħin biex jinkludu aspetti relevanti oħra barra t-tliet kategoriji indikati, pereżempju, jekk it-tifel/tifla in kwistjoni kinux preċedentement jiġġieldu fil-forzi tal-ISIS.*

**Emenda 129**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-obbligu ta' paragrafu 1 meta ma jkunx proporzjonat li ssir evalwazzjoni individwali, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ u jekk it-tifel preċedentement, fil-kuntest ta’ proċedimenti kriminali, jkunx ġibed jew le l-attenzjoni fuqu tal-*** | ***imħassar*** |

***awtoritajiet tal-Istati Membri.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Ma jistax ikun hemm xi deroga mid-dritt għal valutazzjoni individwali, minħabba l-fatt li l-ġustizzja tal-minorenni hija kompletament ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-personalità tat-tfal fir-rigward tar-reat li jkun sar.*

**Emenda 130**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-obbligu ***ta' paragrafu*** 1 meta ***ma jkunx proporzjonat li ssir evalwazzjoni individwali, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ u jekk it-tifel preċedentement, fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, jkunx ġibed jew le l-attenzjoni fuqu tal-awtoritajiet tal-Istati Membri***. | 7. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-obbligu msemmi fil-***paragrafu*** 1 ***biss*** meta ***jkun neċessarju li jsir dan fl-aħjar interessi tat-tfal***. |

Or. en

**Emenda 131**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-obbligu ***ta' paragrafu 1 meta ma jkunx proporzjonat*** li ssir ***evalwazzjoni*** individwali***, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ u*** jekk ***it-tifel preċedentement, fil-*** | 7. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-obbligu li ssir ***valutazzjoni*** individwali jekk ***id-deroga tkun fl-aħjar interessi tat-tfal***. |

***kuntest ta' proċedimenti kriminali, jkunx ġibed jew le l-attenzjoni fuqu tal-awtoritajiet tal-Istati Membri.***

Or. en

**Emenda 132**
**Anna Maria Corazza Bildt**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F'każ li t-tifel ma jingħatax il-libertà, l-Istati Membri jiżguraw li t-tifel ikollu aċċess għal eżami mediku bl-għan li b'mod partikolari tiġi evalwata l-kundizzjoni mentali u fiżika ġenerali tat-tifel sabiex li jiġi ddeterminat jekk it-tifel hux kapaċi jiffaċċja intervista jew xi atti oħra investigattivi jew li jiġbru l-provi, jew kull miżura meħuda jew maħsuba kontra t-tifel. | 1. F'każ li t-tifel ma jingħatax il-libertà, l-Istati Membri jiżguraw li t-tifel ikollu aċċess għal eżami mediku bl-għan li b'mod partikolari tiġi evalwata l-kundizzjoni mentali u fiżika ġenerali tat-tifel sabiex li jiġi ddeterminat jekk it-tifel hux kapaċi jiffaċċja intervista jew xi atti oħra investigattivi jew li jiġbru l-provi, jew kull miżura meħuda jew maħsuba kontra t-tifel. ***L-eżami mediku għandu jkun wieħed mhux invażiv kemm jista' jkun u jitwettaq minn tabib kwalifikat.*** |

Or. en

**Emenda 133**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***F'każ li t-tifel*** ma jingħatax il-libertà, ***l-Istati Membri jiżguraw*** li ***t-tifel ikollu*** aċċess għal eżami mediku bl-għan li b'mod partikolari tiġi ***evalwata*** l-kundizzjoni mentali u fiżika ġenerali ***tat-tifel sabiex li jiġi ddeterminat*** jekk ***it-tifel hux*** kapaċi | 1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw, meta tfal*** ma ***jingħatawx*** il-libertà ***jew kull meta l-aħjar interessi tat-tfal ikunu jeħtieġu dan***, li ***t-tfal ikollhom*** aċċess ***mingħajr dewmien*** għal eżami mediku bl-għan li b'mod partikolari tiġi ***valutata*** l- |

| | |
|---|---|
| ***jiffaċċja intervista*** jew xi atti oħra investigattivi jew li jiġbru l-provi, jew ***kull*** miżura meħuda jew maħsuba kontra ***t-tifel***. | kundizzjoni mentali u fiżika ġenerali ***tat-tfal bil-għan li jiġi ddeterminat xi - bżonnijiet mediċi jista' jkun hemm u, b'mod partikolari,*** jekk ***it-tfal humiex*** kapaċi ***jiffaċċjaw interrogatorju*** jew xi atti oħra investigattivi jew li jiġbru l-provi, jew ***kwalunkwe*** miżura meħuda jew ***previsti t-tfal***. |

Or. en

**Emenda 134**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F'każ li ***t-tifel*** ma ***jingħatax*** il-libertà, l-Istati Membri jiżguraw li ***t-tifel ikollu*** aċċess għal eżami mediku ***bl-għan li b'mod partikolari tiġi evalwata l-kundizzjoni mentali u fiżika ġenerali tat-tifel sabiex li jiġi ddeterminat jekk it-tifel hux kapaċi jiffaċċja intervista jew xi atti oħra investigattivi jew li jiġbru l-provi, jew kull miżura meħuda jew maħsuba kontra t-tifel***. | 1. F'każ li ***t-tfal*** ma ***jingħatawx*** il-libertà, l-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li ***t-tfal ikollhom*** aċċess għal eżami mediku ***fil-pront biex jiġu vvalutati, imħarsa u mtejba s-saħħa fiżika u mentali tat-tfal u jiġi żgurat li jirċievu t-trattament xieraq***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-objettiv primarju tal-eżami mediku għandu jkun il-benessri tat-tfal.*

**Emenda 135**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***F'każ li t-tifel*** ma ***jingħatax*** il-libertà, ***l-Istati Membri jiżguraw*** li ***t-tifel ikollu*** aċċess għal eżami mediku bl-għan li b'mod partikolari tiġi ***evalwata*** l-kundizzjoni mentali u fiżika ġenerali ***tat-tifel sabiex*** li jiġi ddeterminat jekk ***it-tifel hux*** kapaċi ***jiffaċċja intervista*** jew xi atti oħra investigattivi jew li jiġbru l-provi, jew ***kull*** miżura meħuda jew ***maħsuba*** kontra ***t-tifel***. | 1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw, meta t-tfal*** ma ***jingħatawx*** il-libertà ***jew meta l-proċedimenti jew l-aħjar interessi tat-tfal ikunu jeħtieġu dan***, li ***t-tfal ikollhom*** aċċess ***mingħajr dewmien*** għal eżami mediku bl-għan li b'mod partikolari tiġi ***vvalutata*** l-kundizzjoni mentali u fiżika ġenerali ***tat-tfal bil-għan*** li jiġi ddeterminat ***kwalunkwe bżonn mediku u*** jekk ***it-tfal humiex*** kapaċi ***jiffaċċjaw interrogatorju*** jew xi atti oħra investigattivi jew li jiġbru l-provi, jew ***kwalunkwe*** miżura meħuda jew ***previsti*** kontra ***t-tfal***. |

Or. en

**Emenda 136**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. F'każ li ***t-tifel*** ma ***jingħatax*** il-libertà, l-Istati Membri jiżguraw li ***t-tifel ikollu*** aċċess għal eżami mediku ***bl-għan li b'mod partikolari tiġi evalwata l-kundizzjoni mentali u fiżika ġenerali tat-tifel sabiex li jiġi ddeterminat jekk it-tifel hux kapaċi jiffaċċja intervista jew xi atti oħra investigattivi jew li jiġbru l-provi, jew kull miżura meħuda jew maħsuba kontra t-tifel***. | 1. F'każ li ***t-tfal*** ma jingħatax il-libertà, l-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li ***t-tfal ikollhom*** aċċess għal eżami mediku ***u kura tas-saħħa sabiex jiġu mħarsa l-benessri u s-saħħa tat-tfal***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Li jsir eżami mediku bħala prattika ġenerali sabiex jiġi determinat x'kapaċità jkollhom it-tfal li jiffaċċjaw l-interrogatorju jew atti investigattivi jew ta' ġbir ta' evidenza oħrajn jaf ikollu*

*effett negattiv fuq it-tfal imsemmija billi jfixkilhom emottivament u joħolqilhom id-dwejjaq.*

**Emenda 137**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li kull ***intervista*** li ssir lit-tfal mill-pulizija jew minn awtorità tal-infurzar tal-liġi oħra jew ***awtorita*** ġudizzjarja oħra li ssir qabel l-att ta' akkuża, tiġi rrekordjata b'mod awdjoviżiv***, dejjem jekk meta jiġu kkunsidrati l-kumplessità tal-każ, is-serjetà tal-allegat reat u l-piena li potenzjament tista' tingħata, dan ikun sproporzjonat***. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li kull ***interrogatorju*** li jsir lit-tfal mill-pulizija jew minn awtorità tal-infurzar tal-liġi oħra jew ***awtorità*** ġudizzjarja oħra li jsir qabel l-att ta' akkuża, tiġi rrekordjata b'mod awdjoviżiv. |

Or. en

**Emenda 138**
**Pál Csáky, Kinga Gál, Monika Hohlmeier**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li kull ***intervista*** li ***ssir*** lit-tfal mill-pulizija jew minn awtorità tal-infurzar tal-liġi oħra jew ***awtorita*** ġudizzjarja oħra li ***ssir*** qabel l-att ta' akkuża, ***tiġi rrekordjata*** b'mod awdjoviżiv, dejjem jekk meta jiġu kkunsidrati l-kumplessità tal-każ, is-serjetà tal-allegat reat u l-piena li potenzjament tista' tingħata, dan ***ikun*** sproporzjonat. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li kull ***interrogatorju*** li ***jsir*** lit-tfal mill-pulizija jew minn awtorità tal-infurzar tal-liġi oħra jew ***awtorità*** ġudizzjarja oħra li ***jsir*** qabel l-att ta' akkuża, ***jiġi ddokumentat fid-dettall u, jekk ikun fl-aħjar interessi tat-tfal, jiġi rrekordjat*** b'mod awdjoviżiv, dejjem jekk meta jiġu kkunsidrati l-kumplessità tal-każ, is-serjetà tal-allegat reat u l-piena li potenzjament tista' tingħata, dan ***ma jkunx*** sproporzjonat. |

Or. en

**Emenda 139**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li kull ***intervista*** li ***ssir*** lit-tfal mill-pulizija jew minn awtorità tal-infurzar tal-liġi oħra jew ***awtorita*** ġudizzjarja oħra li ***ssir*** qabel l-att ta' akkuża, ***tiġi rrekordjata*** b'mod awdjoviżiv, dejjem jekk meta jiġu kkunsidrati l-kumplessità tal-każ, is-serjetà tal-allegat reat u l-piena li potenzjament tista' tingħata, dan ***ikun*** sproporzjonat. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li kull ***interrogatorju*** li ***jsir*** lit-tfal mill-pulizija jew minn awtorità tal-infurzar tal-liġi oħra jew ***awtorità*** ġudizzjarja oħra li ***jsir*** qabel l-att ta' akkuża, ***fejn ikun meħtieġ u possibbli, jiġi rrekordjat*** b'mod awdjoviżiv, dejjem jekk meta jiġu kkunsidrati l-kumplessità tal-każ, is-serjetà tal-allegat reat u l-piena li potenzjament tista' tingħata, dan ***ma jkunx*** sproporzjonat. |

Or. en

**Emenda 140**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interrogatorju tat-tfal isir b'mod li jqis l-età, il-livell ta' maturità u kwalunkwe bżonn ieħor tagħhom li jiġu determinati matul il-valutazzjoni individwali magħmula skont l-Artikolu 7.*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-paragrafu 1 huwa bla ħsara għall-possibbiltà li għall-iskop ta' identifikazzjoni personali tat-tfal, isiru mistoqsijiet mingħajr l-irrekordjar awdjoviżiv. | 3. Il-paragrafu 1 huwa bla ħsara għall-possibbiltà li għall-iskop ***uniku*** ta' identifikazzjoni personali tat-tfal, isiru mistoqsijiet mingħajr l-irrekordjar awdjoviżiv. |

Or. en

**Emenda 142**
**Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**
Artikolu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Psikologu għandu dejjem ikun preżenti matul l-interrogazzjoni ta' tifel/tifla.*** |

Or. bg

**Emenda 143**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe interrogatorju tat-tfal jitwettaq b'tali mod li jiġu kkunsidrati l-età u l-livell ta' maturità tagħhom.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-obbligu li jsir interrogatorju tat-tfal b'mod li jqis l-età u l-livell ta' maturità tagħhom jidher fil-Premessa 23. Dan għandu jiġi inkluż f'artikolu.*

**Emenda 144**
**Timothy Kirkhope, Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***meta t-tfal ma jingħatawx il-libertà qabel il-kundanna tagħhom, din*** tkun ***l-aħħar miżura*** u għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli. L-eta' u s-sitwazzjoni individwali ***tat-tifel*** jittieħed kont tagħhom. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li ***n-nuqqas ta' libertà tat-tfal*** tkun ***limitata kemm jista' jkun*** u għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli. L-eta' u s-sitwazzjoni individwali ***tat-tfal, kif ukoll ir-riskju kemm tas-sikurezza tat-tfal, kif ukoll tas-sikurezza tal-pubbliku għandu*** jittieħed kont tagħhom ***kif dovut***. |

Or. en

**Emenda 145**
**Elissavet Vozemberg**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li meta t-tfal ma jingħatawx il-libertà qabel il-kundanna tagħhom***, din tkun*** l-aħħar miżura u għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli. L-eta' u ***s-sitwazzjoni*** individwali tat-tifel jittieħed kont tagħhom. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li meta t-tfal ma jingħatawx il-libertà qabel il-kundanna tagħhom***, dan isir biss bħala*** l-aħħar miżura***, filwaqt li għandha tingħata ġustifikazzjoni speċifika u dettaljata għal dan, u*** għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli***, filwaqt li jiġi żgurat f'kull każ ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tat-tfal fil-kustodja***. L-eta'***, is-sitwazzjoni*** individwali u ***l-personalità*** tat-tifel***, u ċ-ċirkostanzi partikolari li fihom*** |

| | |
|---|---|
| | ***ikun sar ir-reat għandu*** jittieħed kont tagħhom ***kif dovut***. |

Or. el

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-fatt li t-tfal ma jkunux ingħataw il-libertà tagħhom bħala l-aħħar miżura biss, il-qrati għandhom, kemm jista' jkun, ifittxu li jimponu din il-piena biss fejn tkun assolutament impossibbli li tiġi evitata, u billi jagħtu raġunijiet speċifiċi u dettaljati għaliex ikun sar dan. F'kull każ, iridu jiġu żgurati r-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tat-tfal f'kustodja, u għandhom jitqiesu b'mod xieraq il-personalità tat-tfal u ċ-ċirkustanzi partikolari li fihom ikun sar ir-reat.*

**Emenda 146**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. It-tfal li jiġu mċaħħda mil-libertà għandhom id-dritt li jkollhom aċċess immedjat għal għajnuna legali u kwalunkwe għajnuna xierqa oħra, kif ukoll id-dritt li tiġi miġġielda l-legalità tan-nuqqas ta' libertà quddiem qorti jew awtorità kompetenti, indipendenti u imparzjali oħra, u biex jingħataw deċiżjoni rapida dwar il-kwistjoni.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-paragrafu huwa konformi mal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tat-Tfal.*

**Emenda 147**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jiżguraw li kull meta tiġi miċħuda l-libertà lit-tfal qabel il-kundanna, dan ikun suġġett għal reviżjoni perjodika minn qorti. | 2. ***Kull tifel u tifla arrestati u mċaħħda mil-liberta tagħhom għandhom jitilgħu quddiem qorti kompetenti biex tiġi eżaminata l-legalità tan-nuqqas ta' libertà tagħhom.*** L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li kull meta tiġi miċħuda l-libertà lit-tfal qabel il-kundanna, dan ikun suġġett għal reviżjoni perjodika minn qorti ***f'intervalli ta' żmien raġonevoli***. ***Kull tifel u tifla miċħuda mil-libertà għandhom id-dritt li jiġġieldu l-legalità tan-nuqqas ta' libertà quddiem qorti jew awtorità kompetenti, indipendenti u imparzjali oħra, u għal deċiżjoni fil-pront dwar kwalunkwe azzjoni bħal din.*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Mariya Gabriel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** <br> ***Detenzjoni provviżorja*** <br> ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tfal imqiegħda f'detenzjoni provviżorja jinżammu separati mill-adulti u minn tfal ikkundannati.*** |

Or. fr

**Emenda 149**
**Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) restrizzjonijiet dwar il-kuntatt ma' persuni ***speċifiċi***, | (b) restrizzjonijiet dwar il-kuntatt ma' persuni ***li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa psikoloġika jew fiżika tat-tfal***, |

Or. bg

**Emenda 150**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-parteċipazzjoni ***f'miżuri*** edukattivi. | (e) il-parteċipazzjoni ***fi programmi*** edukattivi. |

Or. en

**Emenda 151**
**Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**
Artikolu 11

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) Kkonsultazzjonijiet regolari ma' psikologu, li għandu jipprepara rapport fuq kull laqgħa.*** |

Or. bg

**Emenda 152**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jinżammu separati mill-adulti, dejjem jekk ma jiġix ikkunsidrat li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li dan ma jseħħx. Meta ***tifel detenut jilħaq*** l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri jipprovdu l-possibbiltà li fejn meħtieġ ***jibqa' miżmum*** separatament, ***meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi individwali tad-detenut***. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jinżammu separati mill-adulti, dejjem jekk ma jiġix ikkunsidrat li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li dan ma jseħħx. Meta ***tfal detenuti jilħqu*** l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu l-possibbiltà li fejn meħtieġ ***jibqgħu miżmuma*** separatament, ***fl-interess kemm tal-individwu li jkun laħaq l-età kif ukoll ta' tfal oħra ikkonċernati***. |

Or. en

**Emenda 153**
**Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jinżammu separati mill-adulti, ***dejjem jekk ma jiġix ikkunsidrat li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li dan ma jseħħx***. Meta tifel detenut jilħaq l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri jipprovdu l-possibbiltà li fejn meħtieġ jibqa' miżmum separatament, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi individwali tad-detenut. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal jinżammu separati mill-adulti Meta tifel detenut jilħaq l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri jipprovdu l-possibbiltà li fejn meħtieġ jibqa' miżmum separatament, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi individwali tad-detenut. |

Or. bg

**Emenda 154**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jinżammu separati mill-adulti, dejjem jekk ma jiġix ikkunsidrat li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li dan ma jseħħx. Meta ***tifel detenut jilħaq*** l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri ***jipprovdu l-possibbiltà li fejn meħtieġ jibqa' miżmum separatament***, ***meta*** jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi individwali tad-detenut. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal jinżammu separati mill-adulti, dejjem jekk ma jiġix ikkunsidrat***, f'ċirkostanzi eċċezzjonali,*** li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li dan ma jseħħx. Meta ***tfal*** detenut ***jilħqu*** l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri ***għandhom jipprevedu perjodu ta' tranżizzjoni għal ġol-faċilitajiet ta' detenzjoni għall-adulti***, ***filwaqt li*** jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi individwali tad-detenut. |

Or. en

**Emenda 155**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal jinżammu separati mill-adulti, dejjem jekk ma jiġix ikkunsidrat li huwa fl-aħjar interess ***tat-tifel*** li dan ma jseħħx. ***Meta tifel detenut jilħaq l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri jipprovdu l-possibbiltà li fejn meħtieġ jibqa' miżmum separatament, meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi individwali tad-detenut.*** | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal jinżammu separati mill-adulti, ***u jistgħu meta jilħqu l-età ta' 18-il sena, jkomplu jinżammu separatament*** dejjem jekk ma jiġix ikkunsidrat li huwa fl-aħjar interess ***tagħhom jew fl-aħjar interess ta' persuni detenuti oħrajn*** li dan ma jseħħx. |

Or. en

**Emenda 156**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (d) ***jitrawwem*** l-iżvilupp tat-tfal u l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. | (d) ***jiżguraw l-aċċess għal programmi li jrawmu*** l-iżvilupp tat-tfal u l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. |

Or. en

**Emenda 157**
**Timothy Kirkhope, Helga Stevens**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(da) jiżguraw li jkunu previsti r-rekwiżiti speċjali ta' dawk it-tfal b'diżabilitajiet fiżiċi, sensorji u ta' tagħlim.*** |

Or. en

**Emenda 158**
**Caterina Chinnici**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(da) jiżguraw li d-drittijiet l-oħra kollha tat-tfal ikunu protetti*** |

Or. en

**Emenda 159**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jiżguraw li d-drittijiet l-oħra kollha tat-tfal ikunu protetti.*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jiżguraw il-libertà tat-tfal biex jimmanifestaw ir-reliġjon jew it-twemmin tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 161**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. L-Istati Membri jiżguraw li l-proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal jseħħu bil-bibien magħluqa, dejjem jekk wara li jiġu kkunsidrati l-aħjar interess tat-tfal, ċirkostanzi eċċezzjonali jkunu jiġġustifikaw deroga.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Dennis de Jong**

f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal ***jseħħu*** bil-bibien magħluqa, dejjem jekk ***wara li jiġu kkunsidrati l-aħjar interess tat-tfal,*** ċirkostanzi eċċezzjonali ***jkunu*** jiġġustifikaw deroga. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li l-proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal ***iseħħu*** bil-bibien magħluqa, dejjem jekk ***f'***ċirkostanzi eċċezzjonali***, l-aħjar interessi tat-tfal ikunu*** jiġġustifikaw deroga. |

Or. en

**Emenda 163**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri xierqa fi proċedimenti kriminali sabiex jipproteġu l-privatezza tat-tfal u tal-membri tal-familja, inklużi l-ismijiet tagħhom u r-ritratti. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jxerrdux pubblikament informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni tat-tfal. | 2. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri xierqa fi proċedimenti kriminali sabiex jipproteġu l-privatezza***, il-protezzjoni u l-benessri*** tat-tfal u tal-membri tal-familja, inklużi l-ismijiet tagħhom u r-ritratti. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jxerrdux pubblikament informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni tat-tfal. |

Or. en

**Emenda 164**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri xierqa fi proċedimenti kriminali sabiex jipproteġu l-privatezza tat-tfal u tal-membri tal-familja, inklużi l-ismijiet tagħhom u r-ritratti. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ma jxerrdux pubblikament informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni tat-tfal. | 2. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri xierqa fi proċedimenti kriminali sabiex jipproteġu l-privatezza tat-tfal u tal-membri tal-familja, inklużi l-ismijiet tagħhom u r-ritratti. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***u atturi mhux statali, bħall-midja,*** ma jxerrdux pubblikament informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni tat-tfal. |

Or. fr

**Emenda 165**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR
**Timothy Kirkhope**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jiżguraw li d-detentur tal-awtorità tal-ġenituri jew adult adattat ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 5 jkollhom aċċess għas-smigħ tal-Qorti li jinvolvi t-tfal. | L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li d-detentur tal-awtorità tal-ġenituri ***u l-kustodji*** jew adult adattat ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 5 jkollhom aċċess għas-smigħ tal-Qorti li jinvolvi t-tfal***, sakemm il-preżenza tagħhom ma titqiesx li jkollha effett negattiv fuq it-tfal jew il-proċedimenti kriminali li jkunu għaddejja***. |

Or. en

**Emenda 166**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-dritt tat-tfal li jkunu preżenti waqt il-proċess li għandu l-għan li jevalwa humiex ħatja | Id-dritt tat-tfal li jkunu preżenti***, u jieħdu sehem,*** waqt il-proċess li għandu l-għan li jivvaluta humiex ħatja |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din tikkomplementa l-Emenda 44 proposta mir-rapporteur.*

**Emenda 167**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal ikunu ***preżenti*** waqt il-proċess. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal ikunu ***jistgħu jipparteċipaw*** waqt il-proċess ***tagħhom u għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha biex jippermettu l-fehim u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom, inkluż billi jingħataw l-opportunità li jinstemgħu u li jesprimu l-opinjoni tagħhom fejn dan ikun fl-aħjar interess tagħhom***. |

Or. en

**Emenda 168**
**Nathalie Griesbeck**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal ikunu ***preżenti waqt il-proċess***. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal ikunu ***jistgħu jieħdu sehem fil-proċess tagħhom u għandhom jieħdu l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***passi neċessarji kollha biex jippermettulhom li jipparteċipaw bis-sħiħ, inkluż billi jingħataw l-opportunità li jinstemgħu u li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom b'mod liberu fl-istadji kollha tal-proċedimenti***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din tikkomplementa l-Emenda 45 proposta mir-rapporteur.*

**Emenda 169**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li t-tfal ***ikunu preżenti*** waqt il-proċess. | 1. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li t-tfal ***ikollhom id-dritt li jidhru in persuna u li jipparteċipaw*** waqt il-proċess ***tagħhom u għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha biex jippermettulhom li jipparteċipaw bis-sħiħ, inkluż billi jingħataw l-opportunità li jinstemgħu***. |

Or. en

**Emenda 170**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jiżguraw li fejn it-tfal ma kinux preżenti waqt il-proċess li bħala deċiżjoni jirriżulta li huma ħatja, huma jkollhom id-dritt għal ***proċedura li fiha jkollhom*** id-dritt li jipparteċipaw u li | 2. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li fejn it-tfal ma kinux preżenti waqt il-proċess li bħala deċiżjoni jirriżulta li huma ħatja, huma ***għandu*** jkollhom id-dritt għal ***proċess mill-ġdid li fih ikollhom*** id-dritt li |

| | |
|---|---|
| ***tippermetti*** li jiġu ddeterminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluża l-analiżi ta' evidenza ġdida, u li ***twassal*** sabiex id-deċiżjoni oriġinali tiġi invertita. | jipparteċipaw u li ***jippermetti*** li jiġu ddeterminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluża l-analiżi ta' evidenza ġdida, u li ***jwassal*** sabiex id-deċiżjoni oriġinali tiġi invertita. |

Or. en

**Emenda 171**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jiżguraw li l-liġi nazzjonali li għandha x'taqsam mal-għajnuna legali tiggarantixxi l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat kif imsemmi ***fl-Artikolu 6***. | L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li l-liġi nazzjonali li għandha x'taqsam mal-għajnuna legali tiggarantixxi l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat kif imsemmi fl-Artikolu 6 ***billi jiġi aċċertat li l-għajnuna legali mogħtija lit-tfal tkun aċċessibbli, xierqa għall-età tagħhom, effettiva u li toffri rispons għall-bżonnijiet legali u soċjali speċifiċi tat-tfal. It-tfal għandu jkollhom prijorità għall-għajnuna legali u għandhom dejjem ikunu eżenti minn test tal-mezzi.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Prinċipji u l-Linji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Għajnuna Legali.*

**Emenda 172**
**Traian Ungureanu**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi kif ukoll il-persunal ***tal-ħabsijiet*** li jittrattaw il-każijiet li jinvolvu tfal ***huma professjonisti li jispeċjalizzaw fil-qasam tal-proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal. Dawn*** jirċievu taħriġ ***partikolari*** dwar ***id-dritijiet*** legali tat-tfal, it-teknika adattata biex jiġu intervistati t-tfal, il-psikoloġija tat-tfal, il-komunikazzjoni b'lingwaġġ adattat għat-tfal u ħiliet pedagoġiċi. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi kif ukoll il-persunal ***tal-faċilitajiet ta' detenzjoni*** li jittrattaw il-każijiet li jinvolvu tfal jirċievu taħriġ ***xieraq*** dwar ***id-drittijiet*** legali tat-tfal, it-teknika adattata biex jiġu intervistati t-tfal, il-psikoloġija tat-tfal, il-komunikazzjoni b'lingwaġġ adattat għat-tfal u ħiliet pedagoġiċi. |

Or. en

**Emenda 173**
**Pál Csáky, Kinga Gál**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet ***ġudizzjarji u*** tal-infurzar tal-liġi ***kif ukoll*** il-persunal ***tal-ħabsijiet*** li jittrattaw il-każijiet li jinvolvu tfal ***huma professjonisti li jispeċjalizzaw fil-qasam tal-proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal. Dawn*** jirċievu taħriġ ***partikolari*** dwar ***id-dritijiet*** legali tat-tfal, it-teknika adattata biex jiġu intervistati t-tfal, il-psikoloġija tat-tfal, il-komunikazzjoni b'lingwaġġ adattat għat-tfal u ħiliet pedagoġiċi. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi***,*** il-persunal ***tal-faċilitajiet ta' detenzjoni, u professjonisti relevanti oħra*** li jittrattaw il-każijiet li jinvolvu t-tfal jirċievu taħriġ ***adegwat f'livell li jkun xieraq għall-kuntatt tagħhom mat-tfal*** dwar ***il-bżonnijiet u d-drittijiet*** legali tat-tfal, it-teknika adattata biex jiġu intervistati t-tfal, il-psikoloġija tat-tfal, il-komunikazzjoni b'lingwaġġ adattat għat-tfal u ħiliet pedagoġiċi***, kif ukoll dwar ir-regoli ta' kunfidenzjalità***. |

Or. en

**Emenda 174**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Permezz tas-servizzi pubbliċi tagħhom jew billi jiffinanzjaw l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għat-tfal***, l-Istati Membri ***jħeġġu*** inizjattivi li jagħmluha possibbli għal dawk li jagħtu appoġġ lit-tfal u s-servizzi ta' ġustizzja restorattiva, li jirċievu taħriġ adegwat f'livell adattat għall-kuntatt tagħhom mat-tfal u josservaw standards professjonali biex jiġi żgurat li servizzi bħal dawn jingħataw b'mod imparzjali, rispettuż u professjonali. | 3. L-Istati Membri ***għandhom iħeġġu*** inizjattivi li jagħmluha possibbli għal dawk li jagħtu appoġġ lit-tfal u s-servizzi ta' ġustizzja restorattiva, li jirċievu taħriġ adegwat f'livell adattat għall-kuntatt tagħhom mat-tfal u josservaw standards professjonali biex jiġi żgurat li servizzi bħal dawn jingħataw b'mod imparzjali, rispettuż u professjonali. |

Or. en

**Emenda 175**
**Tomáš Zdechovský**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Permezz tas-servizzi pubbliċi tagħhom jew billi jiffinanzjaw l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għat-tfal, l-Istati Membri jħeġġu inizjattivi li jagħmluha possibbli għal dawk li jagħtu appoġġ lit-tfal u s-servizzi ta' ġustizzja restorattiva, li jirċievu taħriġ adegwat ***f'livell adattat għall-kuntatt tagħhom mat-tfal*** u josservaw standards professjonali biex jiġi żgurat li servizzi bħal dawn jingħataw b'mod imparzjali, rispettuż u professjonali. | 3. Permezz tas-servizzi pubbliċi tagħhom jew billi jiffinanzjaw l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għat-tfal, l-Istati Membri jħeġġu inizjattivi li jagħmluha possibbli għal dawk li jagħtu appoġġ lit-tfal u s-servizzi ta' ġustizzja restorattiva, li jirċievu taħriġ adegwat u josservaw standards professjonali biex jiġi żgurat li servizzi bħal dawn jingħataw b'mod imparzjali, rispettuż u professjonali. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-test imħassar huwa superfluwu għax huwa diġà kopert mill-kelma "adegwat".*

**Emenda 176**
**Jean Lambert**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 19a*** |
| | ***Nondiskriminazzjoni*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw u jiżguraw id-drittijiet spjegati f'din id-Direttiva fir-rigward ta' kwalunkwe tifel/tifla fil-ġurisdizzjoni tagħhom mingħajr diskriminazzjoni ta' xi tip, u irrispettivament mir-razza, kulur, sess, orjentazzjoni sesswali, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, nazzjonalità, oriġini etnika jew soċjali, proprjetà, diżabilità, status tat-twelid jew xi status ieħor tat-tifel/tifla jew tal-ġenituri jew kustodji tiegħu/tagħha.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu t-taħriġ tal-professjonisti kollha involuti fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja għall-minorenni, b'mod speċifiku fid-dawl tal-gruppi tat-tfal partikolarment vulnerabbli, bħalma huma t-tfal tat-toroq, tfal li jagħmlu parti minn minoranzi razzjali, etniċi, reliġjużi jew lingwistiċi, tfal migranti, tfal indiġeni, il-bniet, tfal b'diżabilità u tfal li huma ripetutament f'konflitt mal-liġi, li jistgħu jkunu vittmi ta' nuqqas ta' politika konsistenti u diskriminazzjoni de facto. L-aċċess effettiv tagħhom għall-ġustizzja għandha tiġi żgurata.*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 20*** | ***imħassar*** |
| ***Il-ġbir tad-dejta*** | |
| ***1. L-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni sa […], u wara din id-data kull tliet snin, id-dejta li turi kif id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva ġew implimentati.*** | |
| ***2. Din id-dejta tinkludi b'mod partikolari l-għadd ta' tfal mogħtija aċċess għas-servizzi ta' avukat, l-għadd ta' evalwazzjonijiet individwali mwettqa, l-għadd ta' intervisti rrekordjati b'mod awdjoviżiv u l-għadd ta' tfal li ma ngħatawx il-libertà.*** | |

Or. en

**Emenda 178**
**Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Din id-dejta tinkludi b'mod partikolari l-għadd ta' tfal mogħtija aċċess għas-servizzi ta' avukat, l-għadd ta' evalwazzjonijiet individwali mwettqa, l-għadd ta' intervisti rrekordjati b'mod awdjoviżiv u l-għadd ta' tfal li ma ngħatawx il-libertà.*** | ***imħassar*** |

Or. en